MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Avviz Numru. 14/2007/1

Joseph Vella fil-kwalita' tieghu ta' esekutur testamentarju tal-mejjet Dun Guzepp Vella nominat b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja ta' 9 ta' Dicembru 2006 [Digriet Nru 96/06]

-vs-

Maria Vella u Francis Vella u b'digriet tal-11 ta' April 2008 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Alfred Vella stante l-mewt ta' Maria Vella fil-mori tal-kawza

Il-Qorti,

**Kawza tittratta talba ta' ezekutur testamentarju sabiex il-konvenuti jirrifondu lura s-somma ta' sitt elef disgha mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12)[1] li jsostni li jifformaw parti mill-patrimonju**

[1] Tlett elef lira Maltija (Lm3,000).

**tad-decujus, wara li b'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja l-attur gie awtorizzat sabiex jaghmel dawn il-proceduri.**

Rat it-talba tal-attur fejn talab li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu lill-attur bhala esekutur testamentarju tal-mejjet Dun Guzepp Vella, fi zmien perentorju li jigi ffissat mill-Qorti, is-somma ta' tliet elef Liri Maltin (Lm3,000) jew somma verjuri, li tinsab ghandkom, liema somma fl-epoka tal-mewt tad-decujus kienet fi flus kontanti li kellu d-decujus f'kexxun li jissakkar fid-dar tieghu fin-numru 26, Triq it-28 ta' April 1688, Qala, u li naqqsu minn hemm gew wara l-mewt tieghu u wara li f'din id-dar dahal il-konvenut Francis Vella u talab lill-konvenuta l-ohra Maria Vella c-cavetta ta' dan il-kexxun, u minn hemm ha wkoll xi dokumenti tal-Bank, u li ghalhekk din is-somma tappartjeni lill-eredita' tal-mejjet u mhux lill-konvenuti wahedhom, li minnhom il-konvenut Francis Vella zamm Lm1,500 u ghadda l-Lm1500 l-ohra lill-konvenuta Maria Vella, u li ghalhekk ghandha tinqasam skond kif ordna l-mejjet fit-testment tieghu li sar fl-atti tan-Nutar John Debono tat-23 ta' Jannar 2004, liema somma intom konvenuti irrifjutajtu u bqajtu tirrifjutaw li trodduha lura minkejja li gejtu nterpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali tal-31 ta' Jannar 2007 [Ittra numru 70/2007] u tal-31 ta' Mejju 2007 [Ittra numru 410/2007] sabiex trodduha lura. Ghalhekk l-attur ma kien baqghalu l-ebda triq ohra ghajr li jaghmel dak li dderigietu li jaghmel il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja bid-digriet taghha tat-12 ta' Marzu 2007 fl-atti tar-Rikors numru 68/2006AE, u dan sabiex eventwalment din is-somma tkun tista' titqassam bej l-eredi tal-mejjet bhal kumplament tal-assi l-ohra tal-wirt.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol. 15) fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament, ghalkemm il-attur gie istitwit bhala ezekutur testamentarju tas-successjoni tar-Reverendu Sacerdot Dun Guzepp Vella, il-konvenuti flimkien ma' partijiet ohra qeghdin jopponu ghal din il-ezekutrija u fil-fatt huma pprezentaw kawza citazzjoni

numru 77/07 fl-ismijiet Alfred Vella pro. Et. noe. Vs. Joseph Vella liema kawza hija appuntata ghal 5 ta' Dicembru 2007, fejn qeghdin jitolbu lill-Qorti tal-Magistrati fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha sabiex Joseph Vella jitnehha minn ezekutur testamentarju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somom li huma msemmijin mill-attur nghataw direttament mid-decujus lil konvenuti bhala donazzjonijiet;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost skond il-Artikolu 913 tal-Kodici Civili:

*(1) It-tfal u d-dixxendenti biss, li jigu ghall-wirt ta' axxendent, sew b'testment kemm ab intestato, ghandhom igibu fil-massa tal-wirt, fl-interess biss tat-tfal jew dixxendenti l-ohra, li jirtu flimkien maghhom, dak kollu li jkunu hadu b'donazzjoni minghand il-mejjet, direttament jew indirettament, meta donatur ma jkunx iddispona xort'ohra."*

Illi Maria Vella hija oht id-decujus u Francis Vella huwa neputi tad-
decujus u allura minhabba l-fatt li tnejn kemm huma mhumiex la tfal u la dixxendenti tad-decujus, dawn m'ghandhomx jirritornaw dak illi d-decujus taghhom bhal donazzjoni. L-principju wara din id-disposizzjoni huwa illi s-successjoni tad-decujus hija wahda libera u mihiex marbuta bl-ebda mod – dan huwa hekk minhabba il-fatt illi d-decujus minhabba l-fatt illi kien membru ta' ordni ekklesiastiku mhuwiex marbut kif ghandu jiddisponi mil-eredita tieghu.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kwistjonijiet li jirrigwardaw l-istitut tal-kollazzjoni jistghu jigu diskussi u decizi biss meta ssir id-divizjoni relattiva ghas-successjoni tad-decujus, liema divizjoni ghandha ma sehhitx;

5. Illi b'ittra ufficjali datata 19 ta' Gunju 2007, numru 456/07, il-konvenuti kienu diga rrispingew il-pretensjonijet u allegazzjonijet tal-attur;

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tad-difensuri.

Rat l-atti tar-rikors numru 68/2006AE prezentat mill-attur quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja u degretat fis-16 ta' Mejju 2007. In vista tan-nota prezentata mill-attur fil-25 ta' Jannar 2008 (fol. 95) u d-dokumenti annessi, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors prezentat fil-25 ta' Ottubru 2007 (fol. 29). Rat ukoll l-atti tar-rikors numru 5/2007 (ara vebral tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2008[2])

Rat l-atti kollha nkluz il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:-

(a) Fis-26 ta Gunju 2006 miet Dun Guzepp Vella. Hu kien ighix ma' ohtu l-konvenuta Maria Vella[3].
(b) L-attur hu l-ezekutur testamentrju nominat mid-decujus permezz ta' testment datat 23 ta' Jannar 2004 fl-atti tan-nutar Dr. John Debono:-*"it-testatur jinnomina u jistitwixxi bhala esekutur testamentarju tieghu lin-neputi tieghu Joseph Vella, bin Lawrence (hu t-testatur) u Carmela nee' Camilleri, twieled u residenti l-Qala, Ghawdex, u jakkordalu il-poteri kollha koncessi mill-ligi lill-esekuturi testamentarji, bil-fakolta' assoluta u irrevokabbli illi jillikwida u jaqsam il-gid tiegu kif stipulat b'dan it-testment fejn ta' tali xogholijiet barra r-rimbors tal-ispejjes li jkun ghamel ghandu jiehu dik il-kumpensazzjoni xierqa li l-Onorabbli Qorti Sekond'Awla (illum Qorti Civili – Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) tkun jidhrilha xieraq u opportun."* (Raba' Artikolu).
(c) Il-kwistjoni hi dwar is-somma ta' **sitt elef disgha mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12)** li l-attur isostni li d-decujus kellu meta miet u li kien qieghed izomm fi skrivanija li kellu fl-istudju tar-

---

2 Fol. 155.
3 Mietet fil-mori tal-kawza.

residenza, u li wara l-mewt ittiehdu minn Francis Vella li ta nofshom lill-konvenuta Maria Vella.

(d) Il-kexxun tal-iskrivanija jinghalaq bic-cavetta.

(e) Meta miet Dun Guzepp ic-cavetta kienet ghand il-konvenuta Maria Vella. Jirrizulta li wara l-mewt ta’ Dun Guzepp Vella, il-konvenuta Maria Vella tat ic-cavetta lil Francis Vella[4] sabiex jiehu dak li kien hemm fil-kexxun. Fil-fatt jirrizulta li hekk ghamel, ghalkemm il-kontendenti ma jaqblux dwar dak li kien hemm fil-kexxun.

(f) Permezz ta’ ittra ufficjali prezentata fil-31 ta’ Jannar 2007 (fol. 98) l-attur sejjah lill-konvenuta sabiex tirritorna s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) li kien ghaddielha Francis Vella. B’ittra ufficjali datata 5 ta’ Frar 2007 (fol. 99) il-konvenuta wiegbet li: *“....mid-dar fejn kien jghix Dun Guzepp Vella ma naqsu l-ebda flus u dan stante li hija tghix fl-istess dar u dak li kien hemm f’dik id-dar kien jappartjeni lilha.”*.

(g) Id-difiza principali tal-konvenuti hi li l-attur ma rnexxielux jaghti prova li fl-iskrivanija kien hemm is-somma ta’ **sitt elef disgha mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12).**

2. Ghal dik li hi l-ewwel eccezzjoni, il-fatt li hemm kawza pendenti[5] fejn qieghed jintalab li Joseph Vella jitnehha mill-kariga ta’ ezekutur testamentarju ma jista’ jkollha l-ebda effett fuq din il-kawza. Sal-lum l-inkarigu ghadu ma giex sospiz u lanqas revokat u din il-kawza saret wara li Joseph Vella talab u otjjena l-permess tal-Qorti.

3. Nghaddu issa biex nittrattaw il-mertu. Fir-rigward tal-konvenuta Maria Vella[6] l-Qorti m’ghandix dubju li din kellha fil-pussess taghha s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500). Dan wara li Francis Vella kien battal il-kexxun tal-iskrivanija tad-decujus u xi zmien wara rritorna lura din is-somma lill-konvenuta. Carmel Vella (xhud imressaq mill-konvenuti) qal: *“Nikkonferma pero’ illi hija*

---

[4] Tghid li tatilu minn jeddha.

[5] **Alfred Vella proprio et nomine vs Joseph Vella** (Rikors: 77/2007).

[6] Mietet fit-3 ta’ Marzu 2008.

*qal illi fil-kexxun kien hemm is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltini (Lm1,500). Jiena kont diga' nfurmat minn hija Francis illi kien ha s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) li kien sab fil-kexxun ta' l-iskrivanija ta' Dun Guzepp."*[7]. Ghalkemm fl-affidavit tal-konvenut Francis Vella ma jsemmix cifra tal-flus li sab fil-kexxun u in kontro-ezami qal: *"Nikkonferma wkoll illi fil-kexxun, kif diga' ghidt kien hemm muniti, anzi karti taz-zewg liri. Iena ma nafx kemm kien hemm, ma ghoddejthomx. Dawk qbatthom u jiena tajthom liz-zija Maria Vella. Jiena naf pero' li z-zija Maria Vella tathom lill-Arcipriet."* (fol. 131), waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur tal-konvenuti kkonfermat li mill-provi kien irrizulta li wara l-mewt ta' Dun Guzepp Vella l-konvenut kien fetah il-kexxun tal-iskrivanija u sab is-somma ta' Lm1,500 ghalkemm it-tezi hi li l-flus kienu ta' Maria Vella u mhux tad-decujus. Il-Qorti ma temminx li dawn kienu flus ta' Maria Vella. In kontro-ezami Maria Vella xehedet[8] li:-

- L-attur kien kellimha u qalilha biex tghid lil Francis Vella sabiex jirritorna dak kollu li kien hemm fil-kexxun; *"...u fil-fatt naqbel ukoll li Frans irritorna zewg pagamenti ta' seba mija u hamsin (Lm750) kull pagament."*. Ikkonfermat ukoll li l-flus kienu fil-kexxun ta' Dun Guzepp Vella.
- Dwar il-laqgha li saret fis-16 ta' Awwissu 2003 tghid li *"...kien hemm qbil li dawn il-flus li ha frans jigifieri t-tlett elef lira (Lm3,000) kellu jirritornahom u jinqasmu bejn il-werrieta kollha skond it-testment."*.

- *"Mistoqsija nafx bit-tlett elef lira (Lm3,000) li Dun Guzepp silef lil certu Victor Hili maghruf bhala ta' Miema nghid li naf. Naf ukoll li dawn il-flus mislufa lil Victor Hili kien gabarhom Dun Guzepp ftit qabel miet. Il-flus cioe' t-tlett elef lira (Lm3,000) kien hallihom hawn fl-iskrivanija."*.

---

[7] Kontro-ezami li sar fis-seduta tas-7 ta' Frar 2008 (fol. 114). Hekk ukoll Alfred Vella xehed: *"Jiena naf bhala stat ta' fatt illi n-neputi Francis kien ha s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) mill-kexxun ta' l-iskrivanija ta' Dun Guzepp. Dan nafu ghaliex kien Francis stess illi qalli."* (seduta tas-7 ta' Frar 2008 – fol. 117).
[8] 15 ta' Jannar 2008 (fol. 83-87).

- *"Mistoqsija niftakarx kemm kelli flus f'dak il-kexxun nghid li kemm kelli qabel ma miet Dun Guzepp f'dak il-kexxun nghid li ma nafx."*.

- *"Lil Frans meta gie ghac-cavetta ma ghidtlux li jien kelli l-flus f'dak il-kexxun ta' Dun Guzepp. Jien dan ma ridtx nghidu."*.

- *"Meta saret dik il-laqgha tas-sittax (16) ta' Awissu elfejn u sitta (2006) jiena ma ghidt lil hadd li kont inzomm il-flus fil-kexxun ta' Dun Guzepp u dan ghaliex il-flus tieghi kont diga hadthom u ma kellhomx x'jaqsmu ma' dawk it-tlett elef lira (Lm3,000)"*.

Verzjoni li tikkontrasta sew ma' dak li xehedet il-konvenuta fl-affidavit[9]: *"Fis-16 t'Awissu 2006 Joseph Vella laqqa l-werrieta fi-dar tieghi. Fost is-suggetti li semma Joseph Vella semma elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1,500) li kienu tieghi biex jinqasmu bejn il-werrieta. Jien minn l-ewwel zammejt iebes u informajtu li dawk huma flus u m'ghandu ebda dritt li dan Joseph Vella iqassamhom fost il-werrieta. Dawk kienu flus tieghi li kont infaddal mill-pensjoni u li kien izommomli hija Dun Guzepp fil-kexxun tieghu billi kien jissakkar."*. Fl-affidavit qalet ukoll li s-somma ta' Lm1,500 kienu flusha u li l-ezekutur ma kellux jedd jippretendi li jitqassmu bejn il-werrieta; *"Dawk kienu flus tieghi li kont infaddal mill-pensjoni u li kien izommli hija Dun Guzepp fil-kexxun tieghu billi kien jissakkar."* (fol. 58). Pero' in kontro-ezami tat verzjoni ohra: *"Tieghi* (hawnhekk qed tirreferi ghall-pensjoni) *kont inzommha ghaliha, le l-pensjoni tieghi ma kontx intiha lilu, u l-flus tieghu kien izommhom fl-iskrivanija f'kexxun jissakkar, le l-flus li kont indahhal jiena kont inzommhom jiena."* (fol. 84). Dak li qalet fl-affidavit u l-kontro-ezami jikkontrasta wkoll mat-tieni eccezzjoni li taqra: *"Is-sommom li huma msemmijin mill-attur nghataw direttament mid-decujus lil konvenuti bhala donazzjonijiet."*. Fl-ebda parti tax-xhieda l-konvenuta ma qalet li huha (Dun Guzepp Vella) kien ta xi flus b'donazzjoni. Bl-istess mod il-verzjoni tal-konvenuta hi differenti minn dik tal-konvenut Francis Vella li qal:

[9] Fol. 58.

*"Nikkonferma li Maria Vella kienet taghtni s-somma ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500) biex inzommhom ghandi bhala depozitu. Hi cemplitli u talbitni biex naghtiha xi haga minn dawn il-flus. Jiena qbadt nofshom u tajthomla. Taghthomli l-flus ghall-finijiet ta' sigurta'. Il-flus kienu taz-zija. Jiena nikkonferma illi bejn l-ewwel pagament u t-tieni pagament kien hemm intervall ta' hmistax (15) il-gurnata. Iz-zija qaltli li kellha bzonn il-flus. Jiena min-naha tieghi ma qaghadx nistaqsiha x'kien l-iskop. Dawk kienu flusha u allura jiena rriotrnajthom."* (fol. 131[10]). In kontro-ezami l-konvenuta qatt ma qalet li ddepozitat xi flus ghand in-neputi taghha ghal skopijiet ta' sigurta'. Min-naha tieghu Francis Vella qal: *"L-ghada li miet jien mort ghand iz-zija Marija cempilt il-qanpiena u wara ftit fethitli z-zija u jien saqsejtha kif inti ? u hi bdiet tibki.* ***Iz-zija Marija qaltli "Franz hawn ic-cavetta tal-kexxun hu dak li hemm u erfahhomli" kienet qed tirreferi ghal flus li hi kella fil-kexxun ta' l-iskrivanija li huha Dun Guzepp kien izommilha fil-kexxun....****"* (fol. 52), mentri l-konvenuta xehedet *"Lil Frans meta gie ghac-cavetta ma ghidtlux li jien kelli l-flus f'dak il-kexxun ta' Dun Guzepp. Jien dan ma ridtx nghidu."* (fol. 87). Il-Qorti qeghda tifhem li anke jekk Maria Vella kellha xi flus fil-kexxun ta' l-iskrivanija tad-decujus, dawn hadithom qabel tat ic-cavetta lil Francis Vella. Kieku kien mod iehor wiehed jifhem li kienet tghid lil Francis Vella li fil-kexxun hemm flus taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li s-somma ta' Lm1,500 li l-konvenut irritorna lura lil Maria Vella ma kienux proprjeta' taghha imma ta' Dun Guzepp Vella. Fl-ebda stadju l-konvenuta ma qalet (kuntrarjament ghal dak li xehed in kontro-ezami l-konvenut l-iehor) li kienet iddepozitat flusha man-neputi u wisq inqas li dawk il-flus li rritorna Francis Vella kienu proprjeta' taghha. Mehud in konsiderazzjoni tax-xhieda li nghatat minn Maria Vella in kontro-ezami, il-Qorti hi iktar propensa li temmen dak li xehedet Rita Vella (oht l-attur u l-konvenut): *"Maria Vella kkonfermat dakinhar tal-laqgha illi s-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500) li ghaddielha Francis Vella kienu flus ta' Dun Guzepp Vella."* (fol. 76[11]).

---

[10] Seduta tas-16 ta' Mejju 2008.
[11] Seduta tal-11 ta' Jannar 2008.

4. Ghal dak li hu l-bilanc fl-ammont ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500), il-kwistjoni hi iktar difficli. Il-konvenut Francis Vella jsostni li din is-somma nghatat lilu minn Dun Guzepp Vella, in kwantu Lm500 biex jinghata rigal lill-ibnu li kien ghadu kif izzewweg u Lm1,000 lilu. Anke dwar dawn il-flus hemm verzjonijiet kontrastanti. Hekk per ezempju xhieda li ressaq l-attur (Mary Rose Attard u Rita Vella) qalu li fil-laqgha li saret fis-16 ta’ Awwissu 2006, il-konvenut qal li d-decujus kien weghdu s-somma ta’ Lm1,500 (Lm500 bhala rigal ghal ibnu Brian u Lm1,000 ghalih) mentri xhieda li ressaq il-konvenut (Raymond Vella) qalu li l-konvenut qal d-decujus tah il-flus fit-12 ta’ Mejju 2006 wara li kien sarraflu bank draft (ricevuta ta’ liema hi ezebita a fol. 108). Inoltre, m’hemmx qbil dwar jekk fil-laqgha li saret fis-16 ta’ Awwissu 2006 kienx sar ftehim li l-konvenut jirritorna s-somma ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3,000)[12]. Filwaqt li l-attur isostni li Dun Guzepp Vella kien qallu (il-gimgha ta’ qabel miet) li fil-kexxun hemm is-somma ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3,000) (fol. 19), Maria Vella qalet ***“Fil-kexxun ta’ Dun Guzepp nghid li dawk il-flus kellu, <u>dawk li tani Frans</u>”***. Qalet ukoll li *“Jiena niftakar li Dun Guzepp kien ta xi flus lil Frans Vella u lit-tifel ta Frans Vella. Qallu dawk ghat-tifel u l-ohrajn ghalik.”* (fol. 86). Pero’ kompliet tghid li:-

- Dakinhar tal-laqgha *“...kien hemm qbil li **dawn il-flus li ha Frans jigifieri t-tlett elef lira (Lm3,000)** kellu jirritornahom u jinqasmu bejn il-werrieta kollha skond it-testment.”* (fol. 86).

- Dun Guzepp kien silef is-somma ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3,000) lil certu Victor Hili li kien hallsu lura ftit qabel ma miet[13]; *“Il-flus cioe t-tlett elef lira (Lm3,000) kien **hallihom hawn fl-iskrivanija fil-kexxun**.... **Il-flus li Dun***

[12] Mary Rose Attard (xhud imressqa mill-attur) qalet: *“Naf li **l-parti kbira minn dawk prezenti** kienu qablu li l-flus li kien hemm ghand iz-zija Maria u hija Francis Vella, dawn kellhom jigu ritornati u jinqasmu bejn il-werrieta kollha.”* (fol. 11). Ghalhekk qeghda taghti x’tifhem li mhux kullhadd kien qieghed jaqbel ghalkemm in kontro-ezami bidlet il-verzjoni u qalet: *“Certa li fil-laqgha sar qbil li l-flus kellhom jigu ritornati.”* (fol. 14).
[13] Francis Vella xehed: *“Naqbel ukoll illi dawn il-flus kien thallsu lura lil Dun Guzepp ftit qabel ma miet.”* (fol. 130).

***Guzepp silef lil Hili baqghu f'idejn Dun Guzepp sa l-ahhar.*"**.

Mehud in konsiderazzjoni ta' dak li qalet il-konvenuta Maria Vella fis-sens li l-ewwel qalet li fil-kexxun kien hemm il-flus li ta l-konvenut l-iehor mentri mbaghad qalet li s-somma ta' Lm3,000 kienet baqghet fil-kexxun ta' l-iskrivanija sal-ahhar u l-verzjonijiet konfliggenti li nghataw ,il-Qorti ma tistax tghid li moralment hi konvinta li fid-data tal-mewt ta' Dun Guzepp Vella s-somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) kienet tinsab fil-kexxun u li ghalhekk mill-kexxun Francis Vella ha wkoll is-somma ta' elf u hamse mitt lira Maltija (Lm1,500) u zammha ghalih. M'hemmx dubju li fil-kexxun kien hemm Lm1,500 li sussegwentement inghataw lil Maria Vella, pero' dwar il-bilanc il-Qorti ma tistax tghid li ghandha l-istess certezza u fid-dubju ser ikollha tichad it-talba tal-attur biex jigu ritornati xi flus mill-konvenut Francis Vella. Il-Qorti qeghda taghmilha cara li b'daqshekk m'hijiex tghid li l-verzjoni moghtija mill-konvenut Francis Vella hi l-verita' u genwina, imma li mill-provi li tressqu hemm dubju dwar jekk fil-kexxun tal-iskrivanija kienx hemm is-somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) jew is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) li sussegwentement il-konvenut kien irritorna lil Maria Vella. Dubju li ghandu jmur favur il-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom.

2. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra in kwantu dawn jirreferu ghall-konvenuta Maria Vella u ghalhekk tilqa' t-talba tal-attur fis-sens li tikkundanna lill-konvenut Alfred Vella sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef erbgha mija u erbgha u disghajn euro u sitt centezmi (€3,494.06). Bl-imghax min-notifika tal-ittra ufficjali prezentata fil-31 ta' Jannar 2007 sad-data tal-hlas.
3. Tichad it-talba tal-attur fil-konfront tal-konvenut Francis Vella in kwantu mill-provi ma rrizultax li mill-

kexxun tal-iskrivanija l-attur kien ha u zamm ghalih is-somma ta’ tlett elef erbgha mija u erbgha u disghajn euro u sitt centezmi (€3,494.06).

Il-konvenut Alfred Vella ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu u nofs l-ispejjez tal-attur. Spejjez tal-konvenut Francis Vella u l-kumplament ta’ spejjez tal-attur ghandhom jibqghu minghajr taxxa wara li l-Qorti kkunsidrat li dawn il-proceduri nghata lok ghalihom wara li l-konvenut Francis Vella ha pussess ta’ affarijiet li kienu jifformaw parti mill-wirt ta’ Dun Guzepp Vella meta ma kellu l-ebda jedd li jaghmel hekk.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------